MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Numru 23/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Vincenzo Stivala**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 23 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Vincenzo Stivala li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-16 ta' Gunju 2000 u fix-xhur ta' wara Vincenzo Stivala kien ircieva cheque minghand Charles Meilaq, habib tieghu, ta' LM22,000 mahrug mil-Water Services Corporation li hu kien jaf provenjenti minn reat.Illi hu ddepositah fil- kont operat minnu tat-tifla tieghu, peress li Meilaq ma setax jaghmel hekk ghax kellu problemi mal-mara. Illi l-istess cheque kien gej fil-fatt minn reat u b'hekk gie konvertit illegalment minn Vincenzo Stivala. Illi din ma kienitx l-unika darba li Vincenzo Stivala agixxa b'dan il-mod. Illi inoltre hu mhux l-ewwel

darba li kien ukoll isarraf cheques fuq l-idejn bi profit ghalih u jaghmilha illegalment ta’ bankier.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Vincenzo Stivala sar hati tad-delitt ta' *money laundering*, u cioe' talli kkommetta (i) il-konversjoni jew trasferiment ta’ proprjetà meta hu kien jaf li dik il-proprjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta’, attività kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attività kriminali, ghall-iskop ta’ jew skopijiet ta’ habi jew wiri haga b’ohra ta’ l-origini tal-proprjetà jew ta’ ghoti ta’ ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f’attività kriminali;

(ii) il-habi jew wiri haga b’ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta’ jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta hu kien jaf li dik il-proprjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attività kriminali;

(iii) l-akkwist ta’ proprjetà meta hu kien jaf li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attività kriminali;

(iv) ir-ritenzjoni minghajr skuza ragonevoli ta’ proprjetà meta hu kien jaf li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attività kriminali;

(v) it-tentattiv ta’ xi hwejjeg jew attivitajiet definiti hawn fuq; b’dan, li ir- reat sar b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi w li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem hawn fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Vincenzo Stivala hati tad-delitt ta' *money laundering*, u cioe’ talli kkommetta (i) il-konversjoni jew trasferiment ta’ proprjetà meta hu kien jaf li dik il-proprjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta’ attività kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attività kriminali, ghall-iskop ta’ jew skopijiet ta’ habi jew wiri

haga b'ohra ta' l-origini tal-proprjetà jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f'attività kriminali;

(ii) il-habi jew wiri haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta hu kien jaf li dik il-proprjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attività kriminali;

(iii) l-akkwist ta' proprjetà meta hu kien jaf li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attività kriminali;

(iv) ir-ritenzjoni minghajr skuza ragonevoli ta' proprjetà meta hu kien jaf li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attività kriminali;

(v) it-tentattiv ta' xi hwejjeg jew attivitajiet definiti hawn fuq; b'dan, li ir- reat sar b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi w li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn ghoxrin sena jew multa ta' mhux izjed minn miljun lira Maltija, jew dik il- multa w prigunerija flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 3, 6 u 7 tal-Att XIX tal-1994 li jipprovdi ghall-prevenzjoni u l-projbizzjoni ta' *laundering* ta' flus f'Malta (Kapitolu 373), u fl-artikoli 18, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht ic- cirkostanzi indikati fl-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe' fis-16 ta' Gunju 2000 u x-xhur ta' wara, Vincenzo Stivala kien jinnegozja w jsarraf illegalment cheques u jaghmel transazzjoni bankarji ohra. Illi b'mod partikolari hu kien isarraf bi qliegh cheques ta' persuni li ghar- ragunijiet taghhom kienu jirrikorru

ghandu flok imorru Bank biex isarrfu l-istess cheques u dan meta ma kellux licenzja moghtija mill-Awtorita kompetenti.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Vincenzo Stivala sar hati talli ghamel kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta minghajr ma kellu licenzja moghtija mill-Awtorita kompetenti taht l-Att Dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem hawn fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Vincenzo Stivala hati talli ghamel kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta minghajr ma kellu licenzja moghtija mill-Awtorita kompetenti taht l-Att Dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn sitt xhur u mhux izjed minn sena jew multa ta' mhux anqas minn elfejn lira w mhux izjed minn mitejn elf lira lira Maltija, jew dik il-multa w prigunerija flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 3,22(1)(a)(3) tal-Att XXII tal-1994 li jirregola l-Kummerc ta' Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kapitolu 376), S.L.376.02, u fl-artikoli 18, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fis-16 ta' Gunju 2000 u x-xhur ta' qabel Vincenzo Stivala kien jinnegozja w jsarraf illegalment cheques u jaghmel transazzjoni bankarji ohra. Illi b'mod partikolari hu kien isarraf bi qliegh cheques ta' persuni li ghar-ragunijiet taghhom kienu jirrikorru ghandu flok imorru Bank biex isarrfu l-istess cheques meta hu kien jaf li dawn kienu mehuda b'qerq. Illi l-ammonti involuti kienu aktar minn elf lira.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Vincenzo Stivala sar hati ta' ricettazzjoni, w cioe' xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat

sew jekk dan sar Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema hsara kienet aktar minn elf lira.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem hawn fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Vincenzo Stivala hati ta' ricettazzjoni, w cioe' talli xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun' indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema hsara kienet aktar minn elf lira;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' tlettax il-xahar sa seba snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 334, 310,18, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni maghmul fl-assenza tal-gurati fl-udjenza tal-lum li bih iddikjarat li minkejja li fil-parti tal-piena tat-Tlitt Kapi hemm indikat l-artikolu 18 tal-Kap. 9, il-prosekuzzjoni kienet qed tinvoka r-reat kontinwat biss fl-Ewwel Kap u li bih, in vista tal-fatt li l-Ewwel Kap jirreferi partikolarment ghall-tranzazzjoni wahda tad-depozitu tac-cheque tal-Water Services Corporation u la mill-provi ma rrizultax li kien hemm cheques ohra akkwistati b'qerq, f'dak l-istadju kienet qed tirtira l-kwalifika tar-reat kontinwat ghal dak li jirrigwarda l-Ewwel Kap.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih unanimament sabu lill-akkuzat Vincenzo Stivala mhux hati tat-tlitt Kapi tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil akkuzat Vincenzo Stivala mhux hati tat-tlitt Kapi tal-Att tal-Akkuza w, wara li rat l-artikoli 467(5) u 487 tal-Kodici Kriminali, tiddikjarah mehlus, u, jekk ma hux detenut ghar-ragunijiet ohra, tordna li jigi liberat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------